MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2331/2004

**Atlas Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Leslie Galea u l-istess Leslie Galea**

**Vs**

**Mario Bartolo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ Lm361.85c (tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara r-Rabat fit-2 t’Awissu, 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru JBB 889 habat mal-vettura numru JAE 904, proprjeta’ ta’ l-attur Leslie Galea u misjuqa minnu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm361.85c (tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------